MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 555/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-25 ta’ Gunju 1987 (ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla jisimha XX illum maggiorenni.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta’ Frar 1995 (Citaz. Nru. 81/93 FD (ara Dok. B anness)) u de facto minn snin qabel u ghalhekk ilhom aktar minn erba’ snin mifrudin.

Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni ta’ bejniethom stante illi minbarra li ilhom hafna aktar zmien qabel is-sena 1995 mifrudin de facto u aktar minn erba’ snin mifrudin legalment illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra iffurmaw rabtiet ma’ persuni ohrajn;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili; Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta’ Novembru, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta’ Frar 1995;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------